

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: It-trade mark verbali "Olymp" għal prodotti fil-klassi 25

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorrenti

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: Il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Dritt tat-trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità: Ir-reġistrazzjoni ta' trade mark Spanjola tat-trade mark figurattiva "OLIMPO" għal prodotti fil-klassi 25

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: Dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja kkonċernata

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell miċħud

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009) u tal-Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 53(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009) peress li l-Bord tal-Appell għamel żball meta kkonkluda li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni, minħabba l-fatt li t-trade marks ikkonċernati ma jixxibhux la mill-aspett viżwali, la mill-aspett tas-smiġħ u lanqas mill-aspett kunċettwali.

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2009 — Olymp Bezner vs UASI — Bellido (OLYMP)

(Kawża T-204/09)

(2009/C 167/41)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Olymp Bezner GmbH & Co. KG (Bietigheim-Bissingen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Dönch u M. Eck, lawyers)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Miguel Bellido, S.A. (Manzanares, Ciudad Real, Spanja)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-5 ta' Marzu 2009 fil-Każ R 598/2008-2; u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: It-trade mark figurattiva "OLYMP" għal prodotti fil-klassi 25

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorrenti

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: Il-parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Dritt tat-trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità: Ir-reġistrazzjoni Spanjola tat-trade mark figurattiva "OLIMPO" għal prodotti fil-klassi 25

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni: Dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja kkonċernata

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Ċaħda tal-appell

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill 207/2009) peress li l-Bord tal-Appell wettaq żball meta kkonkluda li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni, minħabba l-fatt li t-trade marks ikkonċernati mhumiex viżivament, fonetikament jew kunċettwalment simili.

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2009 — El Jirari Bouzekri vs UASI — Nike International (NC NICKOL)

(Kawża T-207/09)

(2009/C 167/42)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Mustapha El Jirari Bouzekri (Malaga, Spanja) (rappreżentant: E. Ragot, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Nike International Ltd (Beaverton, L-Istati Uniti)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade Marks u Disinni) tal-25 ta' Frar 2009 fil-Każ R 554/2008-2 minħabba li hemm żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill 40/94 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill 207/2009); u

— tikkundanna lill-konvenut u lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż legali u dawk inkorsi fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Prim'Instanza mir-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Ir-rikorrent

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark figurattiva “NC NICKOL” għal prodotti fil-klassi 9

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Il-parti l-oħra għall-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark jew sinjal invokat: Reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja tat-trade mark “NIKE” għal firxa ta' prodotti, fosthom prodotti fil-klassijiet 9 u 25

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell miċħud

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill 40/94 peress li l-Bord tal-Appell ikkonkluda b'mod żbaljat li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni kienu sodisfatti.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2009 — Mars vs UASI — Marc (MARC Marlon Abela Restaurant Corporation)

(Kawża T-208/09)

(2009/C 167/43)

Lingwa tar-rikors: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Mars, Inc. (McLean, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: A. Bryson, Barrister u V. Marsland, Solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Marc Ltd (Londra, ir-Renju Unit)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-5 ta' Marzu 2009 fil-Każ R 1827/2007-2; u

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark figurattiva “MARC Marlon Abela Restaurant Corporation”, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 29, 30, 31, 32, 33, 35 u 43

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Ir-rikorrenti

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Trade marks Komunitarji verbali u figurattivi “MARS” irreġistrati għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 29, 30, 32 u 35

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Laqgħet l-oppożizzjoni parzjalment

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Annullat id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u ħadet l-oppożizzjoni kollha kemm hija

Motivi invokati: Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009] (i) sa fejn il-Bord tal-Appell ikkunsidra (jew ikkonstata) b'mod ħażin, mingħajr ebda bażi ta' provi, li t-trade marks ikkonċernati kellhom tifsira ċara u speċifika għall-pubbliku tal-Istati Baltiċi, b'mod li dan il-pubbliku seta' jagħrafha immedjatament. Dan wassal lill-Bord tal-Appell sabiex jikkonkludi, b'mod ħażin, li kien hemm differenza kunċettwali bejn it-trade marks ikkonċernati fuq ix-xebh viżiv u verbali u ġġustifika l-konklużjoni li t-trade marks inkwistjoni ma kinux simili; u (ii) naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni jew suffiċjentement inkunsiderazzjoni iċ-ċirkustanzi tal-bejgħ tal-prodotti u tas-servizzi inkwistjoni u l-impatt ta' dawn iċ-ċirkustanzi fuq (a) l-evalwazzjoni tax-xebh viżiv u fonetiku bejn it-trade marks; (b) il-piż relattiv li għandu jingħata, fl-evalwazzjoni globali tax-xebh/tal-probabbiltà ta' konfużjoni, lill-elementi differenti (viżiv, verbali u kunċettwali), li jippermettu l-evalwazzjoni tax-xebh. Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009) peress li l-Bord tal-Appell, b'mod ħażin, ħadet l-oppożizzjoni bbażata fuq l-imsemmija dispożizzjoni, minħabba li r-rikorrenti ma kinitx stabbiliet li l-kundizzjonijiet kumulattivi kollha meħtieġa għall-applikazzjoni tagħha kienu ġew issodisfatti. Ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(4) tar-Regolament Nru 207/2009) billi l-Bord tal-Appell ikkunsidra b'mod ħażin li l-probabbiltà ta' konfużjoni kellha tiġi evalwata skont l-istess prinċipji għall-finijiet tal-Artikoli 8(1)(b) u 8(4) tar-Regolament Nru 40/94.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Mejju 2009 — Formenti Seleco vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-210/09)

(2009/C 167/44)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Formenti Seleco SpA (Pordenone, l-Italja) (rappreżentanti: A. Malatesta, avvocato, G. Terracciano, avvocato, S. Malatesta, avvocato)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej